MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2007

Appell Civili Numru. 122/2007/1

**Carmelo sive Charles Gatt Baldacchino; u b'digriet tat-8 ta' Jannar 1998, stante l-mewt ta' Carmelo sive Charles Gatt Baldacchino fil-mori tal-kawza, il-gudizzju gie trasfruz f'isem Carmen Gatt ta' Edmond, Simon, Dolores u Josienne Tonna, ahwa Gatt Baldacchino**

**v.**

**1. Giuseppe Arcidiacono, Boris Arcidiacono, u Renato Arcidiacono bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Arcidiacono Limited; u 2. l-istess Renato Arcidiacono anke personalment u b'digriet tat-18 ta' Jannar 2000, il-Qorti ordnat li johrog**

**mill-kawza l-konvenut Renato Arcidiacono u minfloku tidhol is-socjeta` Barc Co. Ltd.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tas-socjeta` Arcidiacono Limited, Barc Company Limited u Boris Arcidiacono tal-10 ta' April 2007, li permezz tieghu talbu s-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza ta' din il-Qorti, fl-ismijiet premessi, tas-17 ta' Jannar 2007, skond l-Artikolu 823 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan pendenti diversi proceduri, inkluz ta' ritrattazzjoni u rikors kostituzzjonali, istitwiti mir-rikorrenti;

Rat ir-risposta tal-kontro-parti tal-20 ta' April, 2007;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-7 ta' Mejju, 2007;

Ikkunsidrat;

Illi fil-kuntest tal-proceduri kostituzzjonali u ordinarji pendenti quddiem dawn il-Qrati, din il-Qorti tinnota li kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Dottor Alfred Mifsud v. Onorevoli Prim Ministru**, deciza fl-20 ta' Lulju, 1994. "*Is-sopprassessjoni hija, minnha nnifisha mizura eccezzjonalissima ghaliex tiffrena l-andament normali ta' kawza b'mod billi twaqqaf ghalhekk dik l-ispeditezza li tesigi l-gustizzja biex kull kawza tinqata' fi zmien ragjonevoli."*

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza Lawrence Cuschieri v. Onor Prim Ministru, kif citata fid-decizjoni **Onor Imhallef A Depasquale v. Avukat Generali** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-1 ta' Gunju 2001, fejn inghad is-segwenti:

*“Huwa car illi din il-minaccja li avvertiet is-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell "Spiteri vs Sghendo" (para 14 supra) jigifieri li s-soprassessjoni ghandha l-effett li tipparalizza totalment il-funzjonament tal-Qrati u ta’ l-amministrazzjoni tal-gustizzja qieghda tavverra ruhha. Di fatti llum, bl-access li nfetah ghal proceduri quddiem l-organi gudizzjarji tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, li nholqu bil-Konvenzjoni ghal Protezzjoni tad-Drittijiet*

*Umani w il-Libertajiet Fundamentali, li ghandhom is-sede taghhom fi Strasbourg, is-sentenzi kollha ta’ din il-Qorti, inkwantu kollha huma passibbi ta’ ulterjuri ezami hemmhekk huma kollha soggetti ghal paralizi specjalment fil-fazi ezekuttiva taghhom jekk din il-Qorti, skond is-sentenza appellata, jkollha tissoprassjedi, fil-kazijiet kollha fejn isir rikors ghal dawn l-organi;*

*Is-soprassessjoni fuq il-linji msemmija fis-sentenza appellata tispicca biex tigi ekwivalenti ghal fonti ta’ ingustizzja profonda ghaliex effettivament tissospendi l-implimentazzjoni u l-attwazzjoni tal-gustizzja tal-litigju fi zmien ragonevoli”.*

Il-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti llum huwa precizament ta' din in-natura li ghaliha rreferiet il-Qorti f'dan il-kaz precitat.  Il-Qorti ma ssib ebda raguni ghala ghandha tiddipartixxi minn dan l-insenjament.

Fil-kuntest tal-proceduri ta' ritrattazzjoni, il-Qorti, fl-ewwel lok, rat li a propozitu tal-garanzija msemmija fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) ta' l-imsemmi Artikolu 823, il-provvediment ta' din il-Qorti (diversament komposta) tat-18 ta' Ottubru 2005, fl-ismijiet **Kunsill Lokali Mellieha et v. Central Mediterranean Development Corporation Limited et**;

Fit-tieni lok, peress li l-Qorti mhix sodisfatta illi l-ezekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaguna pregudizzju akbar lis-socjeta` rikorrenti milli t-twaqqif ta' l-istess tkun tikkaguna lir-rikorrenti;

Tichad it-talba.  Spejjez, jekk hemm, ikunu a karigu tas-socjeta` rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------